

30.01.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0502/2012 imressqa minn P.C., ta' ċittadinanza Franċiża, dwar il-kostruzzjoni tat-triq li tingħaqqad mal-awtostrada Belval (A30) u r-riskji ambjentali

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qed jipprotesta kontra l-kostruzzjoni tat-triq li tgħaqqad lil Belval mal-awtostrada A30, fil-fruntiera bejn Franza u l-Lussemburgu.

Għal dan il-proġett, li diġà ġie approvat mill-awtoritajiet kompetenti Franċiżi, u li jpoġġi fil-periklu ż-żoni Natura 2000 ġirien ta' Esch-sur-Alzette u ta' Differdange, fit-territorju tal-Lussemburgu, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-12 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-18 ta' Diċembru 2014

Il-petizzjonant qed jipprotesta kontra l-proġett ta' triq li tgħaqqad lil Belval (fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu) mal-awtostrada A30. Dan il-proġett se jaqsam is-sit ta' Micheville (Franza) - li qabel kien sit tal-industrija tal-azzar li nbidel f'żona naturali f'dawn l-aħħar 25 sena - u li joffri kenn għal speċijiet naturali notevoli u jikkostitwixxi kuritur bijoloġiku transfruntiera importanti bejn żewġ siti Natura 2000 li jinsabu fil-Lussemburgu.

Dan il-proġett aktarx li se jolqot b'mod sinifikanti l-ispeċijiet li jinsabu fis-siti Natura 2000 fil-qrib, u kien ġie awtorizzat mingħajr ma twettqet l-evalwazzjoni xierqa prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE⁽¹⁾.

Is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw l-informazzjoni ppreżentata mill-petizzjonant fir-rigward tal-leġislazzjoni ambjentali li tista' tkun applikabbli.

Is-siti ta' Differdange u Esch-sur-Alzette (SIC LU000128 u LU0001030, ŻPS LU0002008 u LU 0002009) diġà ġew iddikjarati konformi mad-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali 92/43/KEE¹ u mad-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi 2009/147/KE², u konsegwentement jagħmlu parti min-netwerk Natura 2000. Dawn jinsabu fiż-żewġ estremitajiet tas-siti ta' Micheville li minnu se tgħaddi t-triq il-ġdida.

B'konformità mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-ħabitats, kwalunkwe pjan jew proġett li x'aktarx jista' jkollu effett fuq siti ta' Natura 2000 għandu jkun soġġett għal evalwazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet tiegħu fuq il-konservazzjoni tas-siti. Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt għas-siti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar dan il-pjan jew proġett biss jekk ikunu aċċertaw ruħhom li dan mhux se jolqot b'mod negattiv l-integrità tas-siti ikkonċernat.

Jidher li ma twettqet l-ebda evalwazzjoni xierqa kif prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali. Konsegwentement, l-impatt eventwali tal-proġett fuq iż-żewġ siti Lussemburġi tan-Natura 2000 ma ġiex evalwat.

Konklużjoni

Is-servizzi tal-Kummissjoni talbu informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Franċiżi kompetenti dwar ir-rispett tal-leġislazzjoni ambjentali applikabbli fil-qafas tal-awtorizzazzjoni ta' dan il-proġett u dwar ir-raġunijiet li ġġustifikaw in-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-impatt fuq is-siti Lussemburġi tan-Natura 2000. Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex tintemm l-analiżi ta' dan il-każ.

4. Risposta tal-Kummissjoni (RIV), li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-petizzjonant qed jipprotesta kontra l-proġett ta' triq li tgħaqqad lil Belval (fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu) mal-awtostrada A30. Dan il-proġett se jaqsam is-siti ta' Micheville (Franza) - sit antik ta' industrija tal-azzar li nbidel f'żona naturali għal dawn l-aħħar 25 sena - u li joffri kenn għal speċijiet naturali notevoli u jikkostitwixxi kuritur bijoloġiku transkonfinali importanti bejn żewġ siti ta' Natura 2000 li jinsabu fil-Lussemburgu: is-siti ta' Differdange u Esch-sur-Alzette (SIC LU000128 u LU0001030, ŻPS LU0002008 u LU 0002009) iddikjarati konformi mad-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali 92/43/KEE³ u mad-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi 2009/147/KE⁴ u li jinsabu maż-żewġ estremitajiet

¹ Id-Direttiva 92/43/KEE, (ĠU L 206, 22.07.1992).

² Id-Direttiva 2009/147/KE (ĠU L 20, 26.01.2010) li tikkodifika d-Direttiva 79/409/KEE (ĠU L 103, 25.04.1979).

³ Id-Direttiva 92/43/KEE, (ĠU L 206, 22.07.1992).

⁴ Id-Direttiva 2009/147/KE (ĠU L 20, 26.01.2010) li tikkodifika d-Direttiva 79/409/KEE (ĠU L 103, 25.04.1979).

ġeografiċi tas-sit ta' Micheville li minnu se tgħaddi t-triq il-ġdida. Dan il-proġett huwa parti minn operazzjoni ta' interess nazzjonali (OIN) akbar li tinvolvi l-kostruzzjoni ta' belt ekoloġika.

Skont il-petizzjonant, dan il-proġett x'aktarx li se jaffettwa b'mod sinifikanti l-ispeċijiet li jinsabu fis-siti Natura 2000 Lussemburgi u kien ġie awtorizzat mingħajr ma twettqet valutazzjoni tal-impatt fuq in-Natura 2000 prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE⁽¹⁾ minn hawn 'il quddiem id-Direttiva "Habitats".

Il-kummenti tal-Kummissjoni

Kif previst fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea kellmet lill-awtoritajiet Franċiżi dwar dan il-fajl.

Rigward dan l-iskambju u skont l-informazzjoni li għandhom s'issa s-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, jidher li fil-fatt kienet saret valutazzjoni tal-impatt tan-Natura 2000 skont l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva "Habitats".

Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi taw l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi mitluba fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 u 16 tad-Direttiva "Habitats".

Dawn l-awtorizzazzjonijiet kollha tressqu għall-opinjoni tal-Kunsill Xjentifiku Reġjonali tal-Patrimonju Naturali (CSRPN) ta' Lorraine li ta opinjoni favorevoli soġġetta għall-implimentazzjoni ta' ċertu numru ta' miżuri ta' akkumpanjament. Dawn il-miżuri ta' akkumpanjament, b'mod partikolari studju speċifiku dwar l-impatti ta' dan il-proġett ta' infrastruttura fuq l-ispeċje ta' interess Komunitarju Damier de la Succise (*Euphydryas aurinia*), qegħdin fil-proċess li jiġu implimentati mill-partijiet interessati tal-proġett u se jiġu segwiti għal għaxar snin. Dawn l-opinjoni jidhru fid-digriet tal-prefetti *ad hoc* ; huma wkoll għalhekk regolatorji u infurzabbli għall-partijiet terzi.

Konklużjoni

Grazzi għall-analiżi t'hawn fuq, ma ġie identifikat l-ebda nuqqas fir-rigward tal-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tan-natura. Bħala tagħrif għall-Parlament Ewropew, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea bi ħsiebhom, bħala konsegwenza, jagħlqu l-ilment li rċevew filwaqt li jgħaddu l-petizzjoni preżenti lill-Parlament Ewropew.